**Dizzjunarju Ckejken**

Ta' ftit termini marbuta mas-Satanizmu u l-Okkult:

**Amrita:** (Elisir) Tahlita ta' likwidi maskili u femminili li jinxtorob f'xi riti satanici jew jigi uzat bhala materjal fil-maghmul.

**Amuleti:** Kwalunkwe oggett li jinghad ghandu s-setgha li jgib xorti u jhares mill-isfortuna.

**Asmodew:** Xitan qerriedi. Ghal-Lhud huwa l-princep tax-xjaten.

**Axtarot:** Xitan li jigi rapprezentat fuq dragun jew bhala anglu terribli b'lifgha f'idejh.

**Bafomet:** Isem ikkunsidrat mis-satanisti tradizzjonali fis-sens ta' *Is-Sidt tad-demm*, il-mara li tinhasel fid-demm ta' l-ghedewwa taghha. Hi anke meqjus bhala l-gharusa ta' Satana u tirraprezenta l-aspett femminili tas-saltna tad-dlamijiet, waqt li Satana jirrapprezenta l-aspett maskili.

**Belial:** Ikkunsidrat bhala x-xitan l-aktar pervers u jigi meqjum mis-sodomiti.

**Beghelzebub:** Skond l-Iskrittura huwa l-princep tax-xjaten, Ismu jfisser *Sid id-dubbien*. Jigi rapprezentat bhala esseri iswed bil-qrun, b'zewgt igwienah ta' farfett il-lejl, denb ta'ljun u gisem miksi f'suf iswed.

**Black Flame:** Hija l-pubblikazzjoni internazzjonali satanika l-aktar diffuza u tigi ppubblikata mill-Knisja ta' Satana fl-Amerka.

**Cerkju:** Huwa c-cerkju magiku li jigi mpingi ma' l-art, f'riti magici-satanici min jaghmilhom jidhol f'dan ic-cerkju biex jithares mill-attakki tax-xjaten u mill-mewt qabel iz-zmien.

**Channelling:** Forma ta' komunikazzjoni fi stat ta' trance permezz ta' medium, komuni f'gruppi li tnisslu mill-movimenti New Age.

**Cingulum:** Huwa habel jew kurdun li jintuza fir-riti magici-satanici biex isir il-maghmul li *jorbot* il-persuni ma' xulxin.

**Demonju:** Kelma gejja mill-grieg *daimon/daiomai*, li tfisser *tifred*. Huwa isem li jfisser *dak li jifred.*

**Divinazzjoni:** Sforz biex wiehed jaghraf hwejjeg mohbija, tal-passat jew tal-futur, permezz tal-magija.

**Dragun:** Kelma gejja mill-grieg *derkomai*, li tfisser *thares, tiffissa xi haga b'ghajnejk.* Jigi uzat biex jiddeskrivi annimal *tal-harsa li tiffissak.* Hu simbolu mehud mill-Ktieb ta' l-Apokalissi li jirrapprezenta d-demonju bhala qawwa primordjali tal-kaos. Meta d-dragun jigi rrapprezentat b'denbu f'halqu isir simbolu tal-bniedem li jiekol minnu nnifsu (mill-isperma tieghu) fir-riti ta' magija sesswali.

**Id tal-Glorja:** Relikwarju magiku-sataniku f'forma ta' id li fih ikollu partijiet tal-gisem, generalment partijiet mehuda mill-igsma tal-mejtin.

**Kartomanzija:** Il-qari tax-xorti permezz tal-karti.

**Lilith:** Xitan femminili li skond il-mitologija lhudija tmur mal-bnedmin biex twelled il-*lilim*, biex ixerred is-saltna tal-hazen fid-dinja. L-isem huwa mqieghed f'konnessjoni mal-kelma lhudija *lajil* (lejl); minn hawn gej l-isem *lulu* li jfisser *libertinagg*, ix-xitan li jqanqal ix-xewqat. FId-demonologija babiloniza *lilu, lilitu u ardat lili* huma l-ispirti tal-lussurja.

**Lucifru:** Fl-Iskrittura huwa meqjus bhala l-anglu ribelli li waqa' mis-sema bhal berqa. Ismu gej mill-grieg u jfisser *dak li jgib id-dawl.*

**Medium:** Persuna li tghid li ghandha l-kapacità li tkun mezz ta' komunikazzjoni bejn l-ispirti u l-bnedmin.

**Moghoza ta' Mendes:** Simbolu magiku li juri stilla b'hames ponot b'ras umanizzata ta' moghoza rasha l-isfel f'nofsha.

**Nekromanzija:** It-tentattiv ta' komunikazzjoni ma' l-erwieh tal-mejtin.

**Paraphernelia:** Terminu ingliz li f'dal-kamp jigbor fih l-accessorji li jintuzaw ghar-riti magici-satanici. Fis-satanizmu jindika l-ilbies ritwali.

**Pentakolu:** Talismann bl-istilla bil-hames ponot li tintuza biex thares il-persuna mill-attakki tad-demonju. Huwa sigill magiku.

**Quddiesa Sewda:** Hu r-rit sataniku principali. Huwa att ta' zeblih u profanazzjoni tal-quddiesa kattolika.

**Rit il-Kbir:** Fl-ambiti magici-satanici hija l-ghaqda sesswali-ritwali li ssir fic-cerkju magiku.

**Rit tad-demm:** Rit sataniku li fih sagrificcju.

**Satana:** Isem gej mill-kelma *satan, l-ghadu.* Hu l-kap suprem tas-saltna tal-hazen, ribelli ghal Alla u mimli ghira ghall-bnedmin. Xogholu hu li jakkuzahom quddiem Alla.

**666**: Cifra kriptika mehuda mill-Ktieb ta' l-Apokalissi li tintuza biex tindika l-antikrist.

**Serpent:** Simbolu bibliku tax-xitan. Ghas-satanizmu jindika l-ispirtu tat-tentazzjoni.

**Swastika:** Simbolu magiku komuni fl-ambjent okkultista. Fis-satanizmu jigi uzat biex juri r-rabta ma' l-aspetti okkulti tan-nazizmu

**Talisman:** Oggett bhal amulet li jigi *ccargjat* b'qawwa magika biex ihares 'l dak li jkun.

**Tarrot Cards:** 78 karta li ghandhom simbolizmi magici antiki u li jintuzaw ghall-qari tax-xorti.

**Thelema:** Mill-grieg *rieda.* Hi l-formula principali tal-magija ta' Aleyster Crowley. Tat l-isem lill-Abbazija tieghu f'Cefalù.

**Xabla:** Simbolu magiku-sataniku li huwa simbolu tal-genitali maskili jew inkella jaghmel riferenza ghall-bniedem li jirbah lilu nnifsu permezz tal-magija sesswali.